MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1743/2002

***Mobisle Communications Limited***

***vs***

***Roger Agius***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm324.87c) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut skond *Client Contact Number 19125* rigward servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur ta' bejn Gunju 2001 u Marzu 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' April 2002, u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat

kontestwalment ma’ l-avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Nikolai Muscat Farrugia ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm324.87c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-23 ta’ April 2002, kif ukoll tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr Edwina Grima**
**Gudikatur**